MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Numru 350/2001

**Artikoli 49, 50, 261, 263, 269, 271(g), 278, 281, 334 u 325 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Marthese Micallef**

**V**

**RYAN DIMECH**

**Seduta ta' llum, 10 ta' Jannar 2003**
**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RYAN DIMECH** ta' tnejn u ghoxrin sena bin Carmel u Maria Carmela nee Medati, imwieled Pieta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April, 1979 u joqghod 'White Pearl', 11, Triq Santa Katerina, Attard, detentur tal-

karta tal-identita numru 215579M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar d-disgha w ghoxrin ta' April, 2001 ghall-habta tas-sitta neqsin ghoxrin ta' filghaxija, gewwa Ta' Qali, limiti tar-Rabat,

1. Ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Clarion minn go vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAA 902 ghad-detriment ta' Aaron Vassallo, liema serq huwa aggravat bil-mezz, lok u xorta tal-haga misruqa;
2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'Malta, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod ikun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom;
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAA 902 ghad-detriment ta' Aaron Vassallo, liema hsara tammonta ghal hamsin lira maltin;
4. Talli wkoll f'dawn il-Gzejjer, rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, kif jirrizulta mid-dokument CSH 1 esibit fl-atti a fol 8.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali.

Rat li l-imputat rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fl-ezami li sarlu nhar t-tnax ta' Ottubru, 2001 ai termini tal-artikolu 370(4) u 390(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif jirrizulta a fol 16 tal-atti odjerni.

Illi fl-interess tal-gustizzja bl-iskop ta' liema piena ghandha tapplika l-Qorti kienet innominat lil Probation Officer Carmen Nygaard sabiex thejji *pre-sentencing inquiry report* dwar l-imputat u dan fl-istess jum meta l-imputat

rregistra l-ammissjoni tieghu u cioe fit-tnax ta' Ottubru, 2001.

Illi nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Novembru, 2001 il-Probation Officer Carmen Nygaard ippresentat nota fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet estensjoni taz-zmien moghti lilha ghal presentazzjoni tar-rapport taghha.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru, 2001 deher Dottor Chris Cardona ghan-nom tal-vittma Aaron Vassallo li ddikjara li l-imputat hallas lil vittma ghas-saldu tal-pretenzjonijiet minnu pretizi u li ghalhekk il-vittma ma kellux interess jew ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat.

Illi nhar t-tmintax ta' Novembru, 2002 dehret il-Probation Officer Carmen Nygaard li halfet r-relazzjoni taghha li tinsab esibita a fol 32 tal-atti odjerni mmarkata bhala dokument PA.

Illi minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputat kellu problema kbira ta' dipendenza ta' droga fost affarijiet ohra, bhal l-instabililta tal-ambjent tad-dar. Pero fil-present l-imputat waqaf u m'ghadux jabbuza mid-droga, ghandu impjieg fiss u ghandu relazzjoni stabbli. Jirrizulta wkoll li huwa kkopera dejjem mal-Ufficjal tal-Probation u mas-Social Worker tieghu.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita u facilita biex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha, rieq tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba u affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata kull cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi minhabba dak li rrelatat il-Probation Officer u sabiex il-Qorti taghti l-opportunita li l-imputat jzomm boghod mill-

problema ta' droga, sejra apparti milli timponi multa fuqu, tpoggi lil imputat taht ordni ta' probation fil-massimu taghha u dan bil-kundizzjonijiet necessarji u dan qed taghmlu fl-interess tal-istess imputat.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 49, 50, 261, 263, 269, 271(g), 278, 281, 334 u 352(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat RYAN DIMECH hati tal-akkuzi kif ammessi minnu stess, salv ghat-tieni reat ta' ricettazzjoni li nghatat mill-Prosekuzzjoni b'mod alternattiv ghall-akkuza ta' serq u ghalhekk minn din l-akkuza, din il-Qorti qed tasjteni milli tiehu konjizzjoni taghha, u tikkundannah ghar-reati kundannat hati taghhom ghal hlas ta' multa ta' mija u hamsin lira maltin, liema multa, ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tithallas fi tlett pagamenti mensili u konsekuttivi b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Jannar, 2003.**

**Oltre dan il-Qorti qed tpoggi lil istess imputat RYAN DIMECH taht s-supervizzjoni tal-Probation Officer Carmen Nygaard ghal perjodu ta' tlett snin taht l-kundizzjonijiet segwenti:**

**1. Illi l-Probation Officer Carmen Nygaard ghandha tirrelata lil din il-Qorti kull sitt xhur dwar l-progress tal-imputat probationer;**
**2. Illi l-imputat probationer ghandu jibqa jzomm kuntatt regolari ma l-agenzija li tipprovdi rihabilitazzjoni kontra l-abbuz tad-droga skond d-direttiva moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard u f'kaz li l-imputat jkollu xi rizultat negattiv jew ahjar tirrizulta xi presenza ta' droga fuq il-persuna tieghu, il-Qorti tesigi li tkun infurmata minnufih;**
**3. L-imputat probationer ghandu dejjem jzomm kuntatt regolari mal-Probation Officer Carmen Nygaard kif ordnat minnha.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata lil Probation Officer Carmen Nygaard.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**